MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tas-17 ta' Gunju, 2011

Appell Kriminali Numru. 223/2010

**Il-Pulizija**
**(Spt. A.P. Miruzzi)**
**Vs**
**John Farrugia**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli ghan-nom u inrapprezentanza ta' Sirens Development Co. Limited u/jew bhala persuna registrata mal-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud skond l-Att ta' l-1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud (Att Nru. XXIII ta' l-1998) u regolamenti maghmula bis-sahha ta' l-istess Att, fis-16 ta' Lulju, 2009 gewwa Sirens ASC – Xatt il-Lanca – San Pawl il-Bahar, naqas, jew hu jew impjegati tieghu jew xi persuna ohra li kienet qed tagixxi ghan-nom tieghu, li jaghti jew jipproduci ricevuta fiskali permezz ta' "cash register" fiskali li jikkonforma mal-htigijiet specifikati fil-partita 13 (2) tat-Tlettax-il Skeda li tinsab ma' l-Att ta' l-1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud fuq bejgh ta'

provvista, skond il-kumpens lilu mhallas ghal dik il-provvista, w dan bi ksur tal-partiti 1,2,3 u 10 ta' l-imsemmija Skeda u l-artikoli 51 u 77(a) u (e) u 81 u 82 ta' l-Att Nru. XXIII ta' l-1998.
Fl-istess smine u fl-istess post, naqas li jaghti jew jipproduci ricevuta ta' taxxa f'ghamla li tigi provduta mill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud fuq bejgh ta' provvista, skond il-kumpens lilu mhallas ghal dik il-provvista, w dan bi ksur tal-partiti 1 u 2 tat-Tlettax-il Skeda li tinsab ma' l-Att ta' l-1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud u l-artikoli 51 u 77(a) u (e) u 82 ta' l-Att Nru. XXIII ta' l-1998.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-12 ta' Mejju, 2010, li biha, wara li rat il-partiti 1,2,3 u 10 tat-Tlettax il-Skeda w l-artikoli 51 u 77(a)(e) u 82 ta' l-Kapitolu 406 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-appellant hati ta' l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu wikkundannatu multa ta' €800 u multa addizzjonali ta' €265.40 rapprezentanti ghaxar darbiet it-taxxa perikolata.  Peress li t-tieni imputazzjoni hija alternattiva ghall-ewwel wahda astjeniet milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' din it-tieni imputazzjoni.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fl-24 ta' Mejju, 2010, li bih talab li din il-Qorti joghgobha thassar u tirrevoka s-sentenza appellata w ghalhekk tilliberah minn kull imputazzjoni u htija, w fl-eventwalita' li dina l-Qorti xorta wahda ssib lill-appellant hati tal-akkuzi migjuba kontra tieghu tinfliggi piena anqas harxa minn dik pronunzjata mill-Ewwel Qorti.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant fil-qosor jikkonsistu fis-segwenti w cioe':-

1. Illi ma ngabitx prova li kien hemm nuqqas ta’ hrug ta’ ricevuta fiskali dakinhar tal-akkuza, senjatament fis-16 ta’ Lulju, 2009;
2. Illi l-prosekuzzjoni naqset milli tressaq l-aqwa prova tal-akkadut stante li l-persuna li allegatament naqset milli tohrog ir-ricevuti, Edmond Caruana, naqas milli jixhed waqt sawna l-proceduri. Fil-fehma tal-appellant ix-xhieda ta’ Edmond Caruana kienet essenzjali sabiex jigi stabbilit ezattament x’sehh dakinhar tal-akkuza;
3. Illi qieghed jigi ovvjament avvanzat minghajr pregudizzju ghall-aggravji precedenti, huwa li l-appellant irnexxielu jipprova illi kienu jezistu c-cirkostanzi kontemplati mill-artikolu 82 tal-Kapitolu 406 tal-Ligijiet ta’ Malta, w dana peress illi :
a. l-appellant xehed illi kull min kien ikun ghassa mal-pixxina (dawna l-individwi huma kollha volontarji) ghandhom struzzjonijiet sabiex johorgu ricevuta fiskali kull darba li jkun hemm provvista ta’ servizz. Dana ma gie fl-ebda mod kontradett mill-prosekuzzjoni, haga li teoretikament setghet issir bix-xhieda ta’ Edmond Caruana;
b. l-appellant spjega kif inhuwa fundamentali ghall-kumpanija li jinhargu ricevuti fiskali kull darba, w dana kemm fl-interess tal-membri tal-club, kif ukoll sabiex ikun hemm kontroll fuq min jigbor il-flus ghall-uzu tal-pixxina;
c. l-individwu, li kien prezenti dakinhar tal-akkuza, Edmond Caruana, kien munit bi ktieb ta’ ricevuti fiskali, w dana mhux biss jikkonferma dak spjegat fil-paragrafi precedenti, imma juri wkoll kif il-kumpanija qeghdet lill-individwu f’qaghda li jemetti ricevuti fiskali kull meta jkun hemm provvista ta’ servizz;
d. l-appellant spjega kif ir-ricevuti l-bojod (li taghhom gew ezebiti zewg kopji) kienu jinghataw lin-nies flimkien ma’ ricevuta fiskali sabiex ikunu jistghu jirtiraw id-deck chair li jigi mal-hlas ghall-uzu tal-pixxina. Dawna r-ricevuti jinghataw lil u jinzammu mill-persuna inkarigata mid-deck chairsa, li jkun stazzjonat f’livell differenti minn dak fejn kien hemm Edmond Caruana;

Huwa evidenti li lill-Ewwel Qorti sfugga ghal kollox dana l-element, ghaliex hija kkonkludiet f’mod erroneju li *“Il-Qorti difficilment tifhem l- utilita’ li l-persuni addetti mill-*

*kiri tas-sunbeds ikollhom zewg tipi ta' ricevuti (fiskali u mhux fiskali)".* Li kieku dana kien minnu, kull meta jinhareg kont li fuqu ikun hemm specifikat l-ammont dovut, dana jista' jigi meqjus bhala ricevuta;

e. l-appellant spjega kif il-kumpanija fil-fatt tirrikoncilja dawna r-ricevuti l-bojod ma' l-ktieb tal-VAT, u dana proprju sabiex ikun hemm kontroll fuq in-nies li jkunu qeghdin jigbru l-flus ghall-uzu tal-pixxina. Fil-fatt, kull min ihallas ghandu l-uzu ta' deck chair, li kif rajna jista' jigi irtirat biss bil-prezentata ta' dina ricevuta. Ghalhekk, is-sistema adoperata mill-kumpanija bhala mezz ta' sorveljanza hija wahda ferm effettiva, w dana peress li tinvolvi sistema ta' rikonciljazzjoni li hija tista' tghid "fool-proof".

4. Illi r-raba' aggravju li effettivament huwa konsegwenza ta' l-ewwel aggravju tal-appellant, huwa li stante li jidher li r-ricevuta fiskali mahruga minn Edmond Caruana fis-16 ta' Lulju, 2009 fuq l-insistenza tal-Ispetturi tal-VAT tirrigwarda provvista ta' servizzi rezi qabel id-data tal-akkuza, l-Qorti kienet, bl-akbar rispett, zbaljata meta kkundannat lill-appellant ihallas, in aggunta mal-multa ta' €800 is-somma ta' €265.40 bhala multa addizjonali.

Ikkunsidrat :

Irrizulta mill-provi illi fis-16 ta' Lulju, 2009 ghall-habta ta' 4.15 ta' wara nofs inhar Joseph Dimech u Emanuel Cassar, zewg VAT Inspectors, marru s-Sirens Waterpolo Club, San Pawl il-Bahar fejn sabu lil Emanuel Mifsud li ntroduca ruhhu bhala "nursery coach" jikri "sunbeds" u umbrellel. Ghal dan il-kiri kien jircievi flus u johrog ircevuta izda mhux dik fiskali. Ghaddew l-ammonti kollha illi ircieva Mifsud u wara illi l-ammont gie maqbul bejn Mifsud u l-istess VAT Inspectors harget ircevuta fiskali wahda ghall-ammonti kollha.

Jidher illi dak iz-zmien kienet tintuza sistema fejn johorgu zewg ircevuti, wahda minnhom tinghata l-klijent biex ikun jista' jaghmel uzu mis-"sunbed" u l-ohra tinzamm ghar-reconcilliation, li ma sirx dak inhar stess izda fl-ahhar tal-gimgha.

L-appellant John Farrugia xehed illi huwa direttur tas-Sirens Waterpolo Club, illi huwa “a non profit making organisation” u joqghodu hafna fuq il-volontarjat. Ikkonferma illi jinhargu zewg ircevuti, chit ghal klijent u l-ohra fiskali, izda irrikonoxxa li f’dan il-kaz l-ircevuta fiskali ma hargitx.

Il-“cash office” qieghed f’ufficju fl-istess kumpless tal-club u l-appellant ma jkunx hemmhekk il-hin kollu u ma jkunx jaf x’qed jigri.

Meta rrefera ghal Mifsud dana qal “dan il-bniedem hawwad ukoll !”.

Ikkunsidrat :

Minn ix-xhieda kwindi johrog car illi ma kienitx qed tinghata ircevuta fiskali ghall-kiri tas-“sunbeds” izda l-appellant qieghed jezimi r-responsabbilita` peress li hu ghamel minn kollox biex jimpjega nies kompetenti u ma kienx tort tieghu jekk Emanuel Mifsud ma kienx qieghed josserva l-ligi.

Argumenta wkolll illi Mifsud ma ngabx biex jixhed u kwindi l-prosekuzzjoni ma tellghetx l-aqwa prova.

Ikkunsidrat :

Ma hemmx dubju illi l-artikolu 82 (1) tal-Kap. 406 jghodd ghal dan il-kaz, fejn allura l-appellant irid igib il-prova illi huwa ma kienx jaf u ma setax b’diligenza ragjonevoli jsir jaf b’dak l-ghemil jew nuqqas jew li huwa ghamel kull ma setgha jaghmel sabiex izomm milli jsir dak l-ghemil jew in-nuqqas.

Dan ifisser li l-piz tal-prova gie mitfugh fuq spallejn l-appellant illi ghandu jipprova w juri lill-Qorti illi ma kienx jaf jew ma setax b’diligenza ragjonevoli jkun jaf bin-nuqqas illi kien qed jaghmel Emanuel Mifsud.

Ma hemmx dubju illi bhala direttur tas-Sirens Waterpolo Club huwa responsabbli ghal dak kollu li kien qieghed jigri f'dawk l-ambjenti u kien imiss lilu jimpjega nies kompetenti illi jassiguraw illi l-ligi tigi osservata u jekk jinduna b'xi nuqqas ghamel minn kollox biex dak in-nuqqas ma jsirx.

Irrizulta illi skond l-istess appellant ir-reconcilliation isir darba fil-gimgha. Bir-rispett dana mhuwiex serjeta`. Jekk ikun ittiehed xi zball dan se jibqa jidher u jigi perpetwat ghal gimgha shiha qabel xi hadd jinduna bih u lanqas ma hi skuza illi titfa xi tort fuq Emanuel Mifsud u tghid illi huwa ghandu jkun responsabbli ghax hawwad ukoll.

Din il-Qorti jidhrilha illi l-Ewwel Qorti waslet fil-konkluzzjoni li kellha tasal ghaliha mehud in konsiderazzjoni l-provi illi kellha quddiemha w bhal din il-Qorti ma fehmitx x'inhi l-utilita` illi jinhargu zewg tipi ta' ircevuti ghall-istess haga, liema sistema tista` facilment taghti lok ghal abbuz.

Ghalhekk din il-Qorti wkoll tasal ghall-konkluzzjoni li, fil-fehma taghha, l-imputat ma ssodisfax il-kriterji ta' diligenza ragjonevoli rikjest fl-artikolu 82 tal-Kap 406.

Hu principju stabbilit fil-gurisprudenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali li ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha.

Din il-Qorti ghamlet apprezzament approfondit ta' l-ewwel sentenza w waslet ghall-konkluzzjoni li kienet ragjonevoli fil-konkluzzjoni taghha w ghalhekk mhux il-kaz illi tigi disturbata.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti taqta` w tiddeciedi li tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------